MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Numru 5746/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**v.**

**Aron Gatt**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali, presentat illum stess, li permezz tieghu talab, skond ma jipprovdi s-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imputat Aron Gatt wara li dan gie mehlus mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fil-21 ta’ Novembru 2005 fuq garanzija personali ta’ Lm500, oltre kundizzjonijiet ohra;

Rat l-atti tal-istruttorja (li ghalissa jikkonsistu biss fl-atti tal-presentata); semghet lill-Avukat Dott. Tonio Azzopardi ghall-imputat intimat, kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna Lowell ghar-rikorrent Avukat

Generali; semghet bil-gurament lill-Ispettur Frans Micallef, li informa lill-Qorti dwar il-modalità ta' kif, skond il-prosekuzzjoni, sehhet is-serqa mill-banka tal-Lottu, u dwar il-fatt li l-intimat ikkopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom (ghalkemm mhux car jekk huwa rritornax il-flus allegatament misruqa). L-istess Spettur fisser li fil-fehma tieghu l-intimat imputat hu dipendenti fuq id-droga – fatt ammess mill-intimat;

Fil-kors ta' l-udjenza l-Avukat Tonna Lowell spjega li, kuntrarjament ghal dak rikjest kemm mis-subartikolu (9) ta-l-Artikolu 574A kif ukoll mis-subartikolu (4A) ta' l-Artikolu 575, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz li tehles lill-imputat mill-arrest taht kundizzjoni ma kienitx giet notifikata lill-Avukat Generali fit-terminu stabbilit fl-imsemmija zewg disposizzjonijiet, u cioè mhux aktar tard mill-gurnata tax-xoghol li jkun imiss. Din il-Qorti tosserva li <u>dan in-nuqqas qed jirrikorri ripetutament</u>, kif setghet tikkonstata f'diversi rikorsi li sarula taht l-imsemmija disposizzjonijiet, u ghalhekk ser tipprovdi dwar l-istess aktar l-isfel f'dan id-digriet;

Tosserva wkoll din il-Qorti li fil-kaz ta' persuna li ma jkollhiex mezzi finanzjarji – bhalma jirrizulta li huwa l-imputat intimat – il-garanzija ghandha tkun dik li jigi prodott terz idoneu li jobbliga ruhhu fis-somma stabbilita mill-Qorti, <u>u mhux semplici garanzija personali</u> li f'kazijiet simili ftit li xejn tista' tkun ta' fren jew kontroll fuq l-imputat biex dan joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest. Ghalhekk certament f'dan il-kaz kienet skonsiljata l-garanzija personali, u ghalhekk hemm lok li din tinbidel. Inoltre hemm lok li tigi imposta kundizzjoni ohra kif ser jigi spjegat;

Gie indikat lil din il-Qorti li oht l-imputat lesta li taghmilha ta' plegg;

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali limitatament kif gej u cioè billi thassar il-kundizzjonijiet bin-numru (4) u (7) fid-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-21 ta' Novembru 2005 (fol. 8) u minflok tordna, <u>b'zieda</u> mal-

kundizzjonijiet l-ohra ta' dak id-digriet, li l-imputat intimat Aron Gatt:

**i. jikkonsenja il-passaport u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identità, lill-Ispettur tal-Pulizija Anzjan Frans Micallef, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda daghjsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun; u**

**ii. li jaghmel tajjeb ghal din il-kundizzjoni u ghall-kundizzjonijiet l-ohra kollha tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2005, kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' hames mitt lira (Lm 500); f'kaz li jingieb tali plegg, kemm-il darba dan ma jkunx oht l-intimat (u cioè Phyllis Xuereb ta' 28 St. Angelo Street, Senglea) il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 ta' l-imsemmi Kodici sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneita` ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti;**

L-intimat qieghed ghalhekk jigi ri-arrestat sakemm huwa jottempera ruhhu maz-zewg kundizzjonijiet li qed jigu hawn imposti b'zieda ma' dawk tal-21 ta' Novembru 2005.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi minnufih komunikat lill-Agent Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex dan jassigura li d-deputati registraturi koncernati kollha jottemperaw ruhhom mad-disposizzjonijiet tal-ligi aktar 'l fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------